

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1779

tas-27 ta' Novembru 2020

Li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 fir-rigward tal-istandardi armonizzati għal ċerti apparati domestiċi u apparati simili, sistemi ta' provvista permezz ta' binarju elettriku għal apparati ta' illuminazzjoni, apparati ta' illuminazzjoni f'każ ta' emerġenza, swiċis għal installazzjonijiet għad-djar u installazzjonijiet elettriċi fissi simili, salvaviti, swiċis ta' prossimità, sorsi tal-enerġija tal-iwweldjar bl-ark u apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Fkonformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), it-tagħmir elettriku li hu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, irid ikun preżjunt konformi mal-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, koperti minn dawk l-istandardi armonizzati jew minn partijiet minnhom.
- (2) Permezz tal-ittra M/511 tat-8 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kunitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kunitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) biex jipprovd u lewwel lista sħiħa tat-titli tal-istandardi armonizzati u biex jabbozzaw, jirrevedu u jlesti l-istandardi armonizzati, għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE. L-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/35/UE u stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva ma nbidlux minn mindu saret it-talba lis-CEN, lis-Cenelec u lill-ETSI.
- (3) Abbażi tat-talba M/511, is-CEN u s-Cenelec irrevedew l-istandardi li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubbliki fis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2018/C326/02) (³): EN 60947-5-2:2007; u EN 60974-1:2012. Dan irriżulta, rispettivament, fl-adozzjoni tal-istandardi armonizzati li ġejjin u emenda għalihom: EN IEC 60947-5-2:2020, għal switchgear u controlgear (apparati li jikkontrollaw iċ-ċirkuwi u elementi ta' swiċċċar - swiċis ta' prossimità); u EN IEC 60974-1:2018 u EN IEC 60974-1:2018/A1:2019, għal apparati ta' saldatura bl-ark (għejjun ta' enerġija għall-iwweldjar).
- (4) Abbażi tat-talba M/511, is-CEN u Cenelec emendaw l-istandardi armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma inklużi fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1956 (⁴): EN 60598-2-22:2014 għal apparati ta' illuminazzjoni f'każ ta' emerġenza; u EN 60947-2:2017 għal switchgear u controlgear ta' voltaġġ baxx. Dan irriżulta, rispettivament, fl-adozzjoni tal-istandardi armonizzati emendantorji li ġejjin: EN 60598-2-22:2014/A1:2020; u EN 60947-2:2017/A1:2020. Is-CEN u s-Cenelec emendaw ukoll l-istandardi armonizzati li ġejjin, li r-referenzi tagħhom huma ppubbliki fis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bil-Komunikazzjoni (2018/C326/02): EN 60335-2-78:2003 għal barbikus li jintużaw fil-beraħ; EN 60335-2-82:2003

(¹) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

(²) Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġiġiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).

(³) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2018/C326/02) fil-qafas tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġiġiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU C 326, 14.9.2018, p. 4).

(⁴) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1956 tas-26 ta' Novembru 2019 dwar l-istandardi armonizzati għat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ, li ġiet abbozzata b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 27.11.2019, p. 26).

għal magni ta' divertiment u għal magni li jagħtu servizz personali; EN 60335-2-105:2005 għal kabini għal doċoċ multifunzjonali; EN 60570:2003 għal sistemi ta' provvista permezz ta' binarju elettriku għal apparati ta' illuminazzjoni; u EN 61010-1:2010 għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju. Dan irriżulta, rispettivament, fl-adozzjoni tal-istandard armonizzati emmendatorji li ġejjin u standard korrettorju: EN 60335-2-78:2003/A11:2020; EN 60335-2-82:2003/A2:2020; EN 60335-2-105:2005/A2:2020; EN 60570:2003/A2:2020; EN 61010-1:2010/A1:2019 u EN 61010-1:2010/A1:2019/AC:2019-04.

- (5) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-Cenelec, ivvalutat jekk dawk l-istandard armonizzati u l-emendi u l-korrezzjoni għalihom jikkonformawx mat-talba M/511.
- (6) L-istandard armonizzati EN IEC 60947-5-2:2020, EN IEC 60974-1:2018 kif emendati bi EN IEC 60974-1:2018/A1:2019, EN 60335-2-78:2003 kif emendat bi EN 60335-2-78:2003/A11:2020, EN 60335-2-82:2003 kif emendat bi EN 60335-2-82:2003/A2:2020, EN 60335-2-105:2005 kif emendat bi EN 60335-2-105:2005/A2:2020, EN 60570:2003 kif emendat bi EN 60570:2003/A2:2020, EN 60598-2-22:2014 kif emendat bi EN 60598-2-22:2014/A1:2020, EN 60947-2:2017 kif emendat bi EN 60947-2:2017/A1:2020 u EN 61010-1:2010 kif emendat bi EN 61010-1:2010/A1:2019 u kkoreġut bi EN 61010-1:2010/A1:2019/AC:2019-04, u kif emendati jew ikkoreġuti bi kwalunkwe standards oħra li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ji ssodisfaw l-objettivi ta' sikurezza li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabiliti fid-Direttiva 2014/35/UE. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandard jiġu ppubblikati fll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard ta' emenda jew korrezzjoni rilevanti għalihom.
- (7) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 tipprevedi fl-Anness I tagħha, ir-referenzi tal-istandard armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2014/35/UE. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandard armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE jkunu elenkti f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandard jiġu inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956.
- (8) Is-CEN u s-Cenelec abbozzaw ukoll ir-rettika EN 60669-1:2018/AC:2020-02 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 60669-1:2018 għal swiċiṣ għal installazzjonijiet għad-djar u installazzjonijiet elettriċi fissi simili, li r-referenza tiegħi hija inkluża fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956. Peress li r-rettika tintroduċi korrezzjonijiet tekniċi għal dak l-istandard u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-istandard armonizzati, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati, jixraq li r-referenza ta' dak l-istandard armonizzat tiġi inkluża flimkien mar-referenza tar-rettika fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956.
- (9) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandard armonizzati li ġejjin, mis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, billi dawn ġew riveduti, emendati jew ikkoreġuti, flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standards emmendatorji jew ta' korrezzjoni għalihom li ġew ippubblikati fll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea: EN 60947-5-2:2007; EN 60974-1/A2:2012; EN 60335-2-78:2003; EN 60335-2-82:2003; EN 60335-2-105:2005; EN 60570:2003; u EN 61010-1:2010. L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 jelenka r-referenzi tal-istandard armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/35/UE rtirati mis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jixraq li dawk ir-referenzi jiddaħħlu f'dak l-Anness.
- (10) Jeħtieġ li jiġu rtirati wkoll ir-referenzi tal-istandard armonizzati EN 60669-1:2018, EN 60598-2-22:2014 u EN 60947-2:2017, flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard ta' emenda jew korrezzjoni għalihom ippubblikati fll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, mis-serje L ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, billi dawn ġew ikkoreġuti jew emendati. Għalhekk, jixraq li dawk ir-referenzi jitħassru mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956.
- (11) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandard armonizzati EN IEC 60947-5-2:2020, EN IEC 60974-1:2018 kif emendati bi EN IEC 60974-1:2018/A1:2019, EN 60335-2-78:2003 kif emendat bi EN 60335-2-78:2003/A11:2020, EN 60335-2-82:2003 kif emendat bi EN 60335-2-82:2003/A2:2020, EN 60335-2-105:2005 kif emendat bi EN 60335-2-105:2005/A2:2020, EN 60570:2003 kif emendat bi EN 60570:2003/A2:2020, EN 60598-2-22:2014 kif emendat bi EN 60598-2-22:2014/A1:2020, EN 60947-2:2017 kif emendat bi EN 60947-2:2017/A1:2020, EN 61010-1:2010 kif emendat bi EN 61010-1:2010/A1:2019 u kkoreġut bi EN 61010-1:2010/A1:2019/AC:2019-04, u EN 60669-1:2018 kif emendat bi EN 60669-1:2018/A2:2020-02, u kif emendati jew ikkoreġuti bi kwalunkwe standards oħra li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, huwa meħtieġ li jiġi differit l-irtirar tar-referenzi għall-istandard armonizzati EN 60947-5-2:2007, EN 60974-1:2012, EN 60598-2-22:2014, EN 60947-2:2017, EN 60335-2-78:2003, EN 60335-2-82:2003, EN 60335-2-105:2005, EN 60570:2003, EN 61010-1:2010 u EN 60669-1:2018, flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard emmendatorju jew korrettorju ieħor għalihom ippubblikati fll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 tiġi emendata skont dan.
- (13) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti, inkluż l-objettivi tas-sikurezza, stabiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punti (1) u (3) tal-Anness I għandhom jaapplikaw mit-30 ta' Mejju 2022.

Il-punt (5) tal-Anness I għandu jaapplika mit-30 ta' Mejju 2021.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

ANNESS I

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1956 huwa emendat kif ġej:

- (1) titħassar ir-ringiela 14;
- (2) tiddaħħal ir-ringiela 14a li ġejja:

| | |
|-------|---|
| “14a. | <p>EN 60598-2-22:2014 Apparati ta' illuminazzjoni - Parti 2-22: Rekwiżiti partikolari - Apparati ta' illuminazzjoni f'każ ta' emerġenza EN 60598-2-22:2014/AC:2015 EN 60598-2-22:2014/AC:2016-05 EN 60598-2-22:2014/AC:2016-09 EN 60598-2-22:2014/A1:2020”;</p> |
|-------|---|

- (3) titħassar ir-ringiela 17;
- (4) tiddaħħal ir-ringiela 17a li ġejja:

| | |
|-------|---|
| “17a. | <p>EN 60947-2:2017 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx - Parti 2: Salvaviti EN 60947-2:2017/A1:2020”;</p> |
|-------|---|

- (5) titħassar ir-ringiela 44;
- (6) tiddaħħal ir-ringiela 44 a li ġejja:

| | |
|--------|---|
| “44 a. | <p>EN 60669-1:2018 Swiċis għal installazzjonijiet għad-djar u installazzjonijiet elettriċi fissi simili – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali EN 60669-1:2018/AC:2018-11 EN 60669-1:2018/AC:2020-02”;</p> |
|--------|---|

- (7) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

| Nru | Referenza għall-istandard |
|------|---|
| “66. | <p>EN 60335-2-78:2003 Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili – Parti 2-78: Rekwiżiti partikolari għal barbikus li jin-tużaw fil-beraħ EN 60335-2-78:2003/A1:2008 EN 60335-2-78:2003/A11:2020</p> |
| 67. | <p>EN 60335-2-82:2003 Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili – Parti 2-82: Rekwiżiti partikolari għal magni ta' divertiment u għal magni li jagħtu servizz personali EN 60335-2-82:2003/A1:2008 EN 60335-2-82:2003/A2:2020</p> |
| 68. | <p>EN 60335-2-105:2005 Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili – Parti 2-105: Rekwiżiti partikolari għal kabini għal doċċoċ multifunzjoni EN 60335-2-105:2005/A11:2010 EN 60335-2-105:2005/A1:2008 EN 60335-2-105:2005/A2:2020</p> |

| | |
|-----|--|
| 69. | EN 60570:2003 Sistemi ta' provvista permezz ta' binarju elettriku għal apparati ta' illuminazzjoni EN 60570:2003/A1:2018 EN 60570:2003/A2:2020 |
| 70. | EN IEC 60947-5-2:2020 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx – Part 5-2: Apparati li jikkontrollaw iċ-ċirkuwitu u elementi ta' swiċċjar – Swiċis ta' prossimità |
| 71. | EN IEC 60974-1:2018 Apparati ta' saldatura bl-ark – Parti 1: Għejun ta' enerġija għall-iwweldjar EN IEC 60974-1:2018/A1:2019 |
| 72. | EN 61010-1:2010 Rekwiżiti ta' sigurtà għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali EN 61010-1:2010/A1:2019 EN 61010-1:2010/A1:2019/AC:2019-04". |

ANNESS II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1956, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

| Nru | Referenza għall-istandard | Data tal-irtirar |
|------|---|------------------------|
| “65. | EN 60335-2-78:2003 Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili – Parti 2-78: Rekwiżiti partikolari għal barbikjus li jintużaw fil-beraħ EN 60335-2-78:2003/A1:2008 | It-30 ta' Mejju 2022 |
| 66. | EN 60335-2-82:2003 Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili – Parti 2-82: Rekwiżiti partikolari għal magni ta' divertiment u għal magni li jagħtu servizz personali EN 60335-2-82:2003/A1:2008 | It-30 ta' Mejju 2022 |
| 67. | EN 60335-2-105:2005 Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili – Parti 2-105: Rekwiżiti partikolari għal kabini għal doċċoċ multifunzjonali EN 60335-2-105:2005/A11:2010 EN 60335-2-105:2005/A1:2008 | It-30 ta' Mejju 2022 |
| 68. | EN 60570:2003 Sistemi ta' provvista permezz ta' binarju elettriku għal apparati ta' illuminazzjoni EN 60570:2003/A1:2018 | It-30 ta' Mejju 2022 |
| 69. | EN 60947-5-2:2007 Switchgear u controlgear ta' vultaġġ baxx – Part 5-2: Apparati li jikkontrollaw iċ-ċirkuwitu u elementi ta' swiċċjar – Swiċis ta' prossimità EN 60947-5-2:2007/A1:2012 | It-30 ta' Mejju 2022 |
| 70. | EN 60974-1:2012 Apparati ta' saldatura bl-ark – Parti 1: Għejun ta' enerġija għall-iwweldjar | It-30 ta' Mejju 2022] |
| 71. | EN 61010-1:2010 Rekwiżiti ta' sigurtà għal apparat elettriku għal kejl, kontroll u użu fil-laboratorju – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali | It-30 ta' Mejju 2022”. |